# E.B. Vella - F'għeluq is-sittin sena anniversarju minn mewtu

J.J. Camilleri - B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)

Emanuel Benjamin Vella, minkejja l-ħajja qasira li kellu – hu miet ta' 47 sena – ta kontribut kbir għax ħadem bis-sħiħ bla heda. Wieħed minn ulied il-Mosta li għamlilha ġieħ. Bir-raġun jekk bqajna tul is-snin infakkru l-memorja tiegħu.



Twieled (20.vi.1899) u kien joqgħod il-Mosta, f'familja b'konnessjonijiet mill-qrib ma' l-edukazzjoni. Il-Mosta minn snin ilu, sew sew mill-bidu, tat lill-edukazzjoni għadd kbir ta' għalliema, kapijiet ta' skejjel, u uffiċjali għolja fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoi – sa Ministru, Direttur, u Spetturi ta' l-Iskejjel. Kien hemm żmien meta l-maġġoranza ta' l-għaliema fl-iskejjel primarji ta' l-irħula qrib il-Mosta kienu, kemm nisa kif ukoll irġiel, fil-maġġoranza Mostin.

Is-sistema tal-ħatra tal-kap ta' skola fost l-għalliema – u din baqgħet hekk għal għadd tah snin – kienet, li wara li ssir l-għażla tal-kandidati prospettivi minn fost dawk li japplikaw, qabel il-ħatra kienu jagħmlu kors ta' sentejn ta' taħriġ fl-Ingilterra, l-irġiel fil-Kulleġġ St Mary f'Middlesex. E.B. Vella temm mil-kors fl-1921 iżda għamel xi żmien Londra qabel ma ġie lura. F'Londra għamel aktar studji, fosthom fl-Università ta' Londra.

Fl-24 ta' Awissu 1920, laħaq direttur ta' l-iskejjel primarji, l-Avukat Albert V. Laferla, ħatra li ma stenniha ħadd. Laferla qatt qabel ma kellu kuntatt ma' l-edukazzjoni u kien avukat, ġurnalist, storiku, uffiċjal fis-servizz ċivili u fl-armata. Minkejja n-nuqqas ta' esperjenza, wera ħila u entużjażmu fil-kariga ġdida li sab ruħu fiha. Ma kinux żminijiet faċli għall-edukazzjoni. Ġab l-edukazzjoni 'l quddiem u tista' tgħid li fi żmienu tħaffef il-pass tat-titjib.

Laferla ntebaħ mill-ewwel bl-entużjażmu u l-ħerqa li kellu E.B. Vella għax-xogħol. Ta' għaqli li kien xierku miegħu. E.B. Vella ġie lura u beda jgħin lid-direttur li kien qiegħed iħejji pjan u programm kif itejjeb l-iskejjel u s-sistema tat-tagħlim, biex ikun hemm għalliema aħjar u mħarrġa. Ħadem ukoll biex il-poplu ma jibqax bla skola u illitterat, u l-ġenituri ma jibqgħux ma jibagħtux lill-uliedhom l-iskola. Tista' tgħid li aktar kien jieħu deċiżżjonijiet x'għandu l-aħjar li jsir hu, milli l-ministru.

E.B. Vella ġie mogħti l-ħatra ta' surmast u mbagħad ta' spettur ta' l-iskejjel (l-isem li biż-żmien inbidel u sar uffiċjal edukattiv). Kien ukoll jgħallem l-Ingiż fl-iskola ta' taħriġ għall-għalliema u l-Malti fil-Liċeo. Laferla ħoloq l-post lil Vella sew sew maħsub għalih. Ġie inkarigat bħala assistant spettur tal-Malti. L-għan kien biex it-tagħlim tal-Malti jissokta jitjieb. Is-surmastrijiet

kollha ta' l-iskejjel ġew obbligati jagħmlu kors ta' taħriġ sew sew organizzat minn E.B. Vella.

Id-direttur kien grat bil-kooperazzjoni li sab minn Vella. Mhux ta' b'xejn kellu daqshekk opinjoni tajba tiegħu. Lil-logutenent gvernatur dan kellu xi jgħidlu dwaru: "Hu kap ta' skola elementari, kiteb u għadu jikteb il-kotba, għandu esperjenza kif jgħallem, jaf il-Malti." Issokta jgħidlu li hu bħala direttur irnexxielu jagħmel dak li għamel, bl-għajnuna tiegħu.

M'hemmx dubju li E.B. Vella kien jaf il-Malti sewwa. L-interess fil-Malti bħala lsien kien għadu fil-bidu tiegħu. Ftit kienu l-istudjużi midħla tal-Malti, jafu jiktbu tajjeb bl-ortografija ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kif aċċettata mill-gvern. E.B. Vella kellu l-mertu li tqies bħala wieħed minn dawn il-ftit, tant li l-istess għaqda tal-kittieba fil-Malti qegħditu fil-lista tal-ftit mill-aħjar kittieba u studjużi tal-Malti, fosthom Dun Karm Psajla. Fl-1945 sew sew sena qabel miet (2.v.1946) E.B. Vella, il-poeta Dun Karm kiteb is-sunett li semmieh lil E.B. Vella. Ried jonorah – qallu "Malti tassew - ħabbejtha din l-art – Malti fil-ħsieb – b'kitbietek mirquma tal-ġrajjiet Maltija – Malti wkoll f'għemilek – tgħallem lil għajrek."

Għen fit-tfassil tad-dizzjunarju. Kien fil-bord li waqqaf il-gvern li kien magħmul mill-aħjar studjużi tal-Malti – A.Cremona, F.S. Caruana, Dun Karm, P.P. Saydon u C. Farrugia.

E.B. Vella mhux ta' Laferla biss kellu ammirazzjoni imma wkoll tad-Direttur tal-Mużew, Temi Zammit. Tista' tgħid li kien l-id il-leminija tiegħu. Ħadmu flimkien – impenn sħiħ li ta riżultati – kxif ta' oqbra ta' żmien l-imgħoddi u ta' fdalijiet arkeoloġiċi li kienu moħbijin taħt it-trab. Jitkellem fit-tul dwar l-oqbra puniċi li nstabu fil-Mosta. Insemmi dawk li hu sejjaħ ċimiterji Puniċi. Jgħid li d-distrett tal-Mosta fih ħafna tifkiriet taż-żminijiet il-Feniċi u l-Kartaġiniżi. Jikteb dwar l-oqbra tal-familja bħal dawk li hemm f'Misraħ Għonoq, fil-ġnien tat-Torri Cumbo, u l-katakombi ta' Bistra.

Barra minn hekk kiteb dwar il-ħidma arkeoloġika – bħal per eżempju t-tempju Neolitiku ta' Ħal Tarxien, dwar Żmien il-Ħaġar, dwar l-istorja ta' għadd ta' naħat - Ħaż Żabbar, iż-Żejtun, Marsaxlokk, il-Mosta (fl-1930), Ħal Tarxien u Raħal Ġdid, u Birkirkara.

E.B. Vella kellu wkoll l-inkarigu li jħejji l-kotba tal-qari tal-Malti għall-iskejjel elementari. Semmihom *Ward ta' Qari Malti.* Ħa l-ispirazzjoni mill-aħjar poeta Grieg Euripide, li għex bejn is-snin 480 u 406 q.K. Ikkwotah

Hu qagħad bil-qiegħda fix-xagħra
u feraħ qata' b'rebgħa l-ward
filwaqt li ġabarhom waħda waħda.

Bejn l-1934-1936 ħareġ sitt kotba. L-għan kien li jilħqu l-livell skond l-età tat-tfal. L-ewwel ktieb (1934), it-tieni u t-tielet (1935), u r-raba' (1936), ġew stampati fl-Oxford University Press ta' Londra. Fl-1936 stampa wkoll l-ewwel u t-tieni ktieb għaż-żgħar (l-ewwel u t-tieni sena). Ħareġ ieħor bl-isem *Ġabra ta' Ward, Antoloġija Maltija.* Barra f'Oxford University Press, il-kotba 'l quddiem ġew stampati fi stamperiji lokali bħall-Empire Press, Giov. Muscat, u l-Malta Chronicle. Baqgħu fl-iskejjel sal-1974, perjodu ta' erbgħin sena sħaħ, meta flokhom daħal *Id-Denfil.*

M'hemmx dubju, E.B. Vella kien studjuż, lingwist, ta' kultura kbira, kittieb, storiku u arkeologu. Imma l-akbar kontribut tiegħu kien is-sehem li ta li ħa fl-iżvilupp ta' l-edukazzjoni primarja.

Tassew għandha biex tiftaħar il-Mosta.